MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2445/1997/1

**Anthony Mizzi**

**vs**

**Carmen Mizzi**

## I. PRELIMINARI.

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn l-attur ippremetta illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Ottubru, 1973 u kellhom vigenti bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-attur talab u ottjena mill-Qorti tal-Familja Awstraljana, f'Melbourne, divorzju minn mal-konvenuta u ghalhekk iz-zwieg fuq imsemmi gie definittivament imhassar b'digriet tal-imsemmija Qorti tal-5 ta' Mejju, 1986 – Dokument "A";

Illi l-attur irregistra l-imsemmi divorzju fir-Registru Pubbliku, Malta fil-21 ta' Jannar, 1991 – Dokument "B";

Illi minkejja li z-zwieg bejn il-partijiet gie xolt u mhassar bil-konsegwenza li l-komunjoni giet definittivament terminata, il-beni li l-partijiet kellhom in komuni baqghu ma gewx likwidati u maqsuma bejniethom;

Illi l-partijiet ghamlu diversi tentattivi biex jillikwidaw u jaqsmu bonarjament l-istess beni, ga appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, pero` minghajr success;

Illi l-attur ma jridx jibqa' aktar in komun mal-konvenuta fir-rigward tal-beni msemmija;

Illi dawn il-beni jinkludu kemm mobbli kif ukoll post ta' abitazzjoni, cioe` "St. Rita", Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, li ma hux kommodament divizibbli bejn il-partijiet u ghalhekk jinhtieg illi jinbiegh in licitazzjoni biex il-partijiet jaqsmu r-rikavat tieghu;

Illi jidher illi z-zewg partijiet jaqblu illi ssir il-likwidazzjoni u divizjoni tal-imsemmija beni;

Talab ghalhekk l-attur sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejn il-partijiet illum hija xolta u terminata, u konsegwentement tistabbilixxi d-data tal-istess terminazzjoni;

2. Tillikwida anke permezz ta' periti nominandi, il-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejn il-partijiet;

3. Tistabbilixxi jekk hemmx lok ghall-prelevamenti favur xi wahda mill-partijiet u f'kaz pozittiv tillikwida l-istess prelevamenti;

4. Tordna, jekk jirrizulta mehtieg, il-bejgh in licitazzjoni tal-post "St. Rita", Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, sabiex ir-rikavat tal-istess jitqieghed fil-fond tal-beni appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tiddividi ugwalment bejn il-partijiet l-imsemmija beni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 12 tal-process u ipprezentati fl-4 ta’ Novembru, 1997 li permezz taghha hija ecceppiet illi:

1. L-eccepjenti taqbel li ssir il-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b’dan li hija tiehu l-ammonti lilha spettanti sija b’arretrati ta’ manteniment sija wkoll dawn tal-mobbli li hemm u kien hemm bejniethom;

2. Illi l-eccepjenti taqbel ukoll li jkun hemm il-bejgh tad-dar matrimonjali St. Rita in subbasta u li hija tinghata sehemha mill-komunjoni b’dan li s-sehem taghhom ma jkunx necessarjament nofs kull wiehed izda kull parti tiehu l-ammont li ghandha tiehu;

3. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda taghha a fol. 12 tal-process.

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-partijiet fil-verbal ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Frar, 1999 fejn iddikjaraw li l-unika proprjeta` immobbli fil-komunjoni huwa l-fond St. Rita, Triq it-Terha, Hal-Ghaxaq.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti fejn gie nominat l-AIC Albert Borg Costanzi.

Rat id-dokumenti esebiti mill-attur fis-26 ta’ April, 2001 a fol. 94 *et seq.* tal-process.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Albert Borg Costanzi ipprezentata fil-11 ta’ Ottubru, 1999 u li tinsab a fol. 45 *et seq.* tal-process fejn wara li ha konjizzjoni tal-fatti kollha

relattivi wasal ghal stima tal-fond St. Rita, Nru. 3, Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, limiti ta’ Hal-Ghaxaq fl-ammont ta’ Lm22,000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2002 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ostacolo* ghall-lum.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. PROVI.

Rat l-affidavit tal-**konvenuta** a fol. 17 tal-process li permezz tieghu hija tghid illi *“qabel iz-zwieg jien kelli elf lira Maltin (Lm1,000) u l-bjankerija”.* Il-konvenuta telenka numru ta’ oggetti mobbli li tghid li jiffurmaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Telenka ukoll l-oggetti immobbli u cioe` d-dar konjugali u cioe` l-fond bl-isem ta’ Santa Rita, Triq it-Terha gia Exchange Road, Bir-id-Deheb, Ghaxaq liema dar kienet mixtrija matul iz-zwieg ghall-prezz ta’ Lm8,000. Il-konvenuta tghid illi hija tisma d-dar matrimonjali ghal madwar Lm25,000. Tghid ukoll il-konvenuta illi minn meta isseparat minn mal-attur, hija kellha taghmel dejn ta’ cirka Lm500 ma missierha. Ghandha tiehu wkoll minghand l-attur is-somma ta’ Lm9,300 bhala arretrati ta’ manteniment lilha dovuti mill-attur. Tghid ukoll il-konvenuta illi *“matul dan l-istess perjodu Anthony Mizzi kien jokkupa dan il-fond minghajr ma jhallas kera filwaqt li jiena kelli nabita ma missieri. Fic-cirkustanzi nitlob lill-Onorabbli Qorti tikkwantifika kera ghal matul dan il-perjodu li jiena nikkalkula ta’ circa sittin liri Maltin (Lm60) fix-xahar”.*

Illi xehed ukoll bil-procedura ta’ l-affidavit **missier il-konvenuta Francis Mizzi** a fol. 19 tal-process. Jghid illi *“binti Carmen Mizzi kienet mizzewga lil Anthony Mizzi u damet mizzewga mieghu ghal xi ghaxar snin. Niftakar li t-tieg taghhom kont hallastu jiena. Jiena u marti konna tajniha hafna bjankerija bhal lozor, xugamani, purkun,*

*kutri, srievet u mkatar kif wkoll hafna lbiesi”.* Dan ix-xhud jghid illi meta bintu regghet giet lura ghandu wara li z-zwieg taghhom sfaxxa *“kulma gabet kienu xi ftit hwejjeg taghha u tat-tifel”.*

Jghid ukoll illi *“qabel ma zzewget binti kellha madwar disa’ mitt liri Maltin (Lm900). Niftakar li jiena stess kont gbidt dawn il-flus u bghatthom lil Carmen meta kienu jghixu fl-Awstralja”.* Jghid illi kemm damet tghix mieghu bintu huwa ta hafna flus, fosthom ghall-ispejjez legali li hija kellha thallas minhabba l-attur.

Illi **l-attur** esebixxa nota fit-22 ta’ Marzu, 1999 fejn huwa elenka l-oggetti mobbli kollha ezistenti fid-dar Santa Rita, Triq it-Terha gia Exchange Road, Bir-id-Deheb, Ghaxaq u l-affarijiet mobbli ohra li jifformaw l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru, 1999 xehdet **Gemma Debono** li pprezentat tlett dokumenti u cioe`:

a) Mandat ta’ Sekwestru numru 457/86 fl-ismijiet “Carmen Mizzi pro et noe vs Anthony Mizzi”. Dan qieghed jigi mmarkat bhala Dok. “GD 1;

b) Cedola ta’ depozitu fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili numerata 482/86 ipprezentata fit-18 ta’ Awissu 1986, li qieghda tigi markata Dok. “GD 2”;

c) Cedola ta’ depozitu fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili numerata 601/86 ipprezentata fis-6 ta’ Ottubru, 1986, li qieghda tigi markata Dok. “GD 3”.

Dawn it-tlett atti gudizzjarji gew ipprezentati kompleti, fis-sens illi maghhom kien hemm l-atti kollha relatati u sussegwenti.

Illi fis-seduta tal-20 ta’ Marzu, 2000 xehed Brian Farrugia rapprezentant tad-Direttur tat-Traffiku. Huwa jghid illi l-attur kellu registrat fuq ismu VAN Morris 1000 numru tar-registrazzjoni E-2654(M) u dan mill-10 ta’ Awissu, 1982

sal-20 ta' Ottubru, 1983. Wara giet trasferita lil Carmelo Caruana minn Hal-Ghaxaq.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2000 l-attur rega' kkonferma bil-gurament illi huwa qatt ma kellu mutur registrat fuq ismu.

Illi l-konvenuta in kontro-ezami tghid illi hija tiftakar li d-dar matrimonjali ta' l-Awstralja inbieghet bil-prezz ta' AUS$45,000. Dawn il-flus kienu gew ritornati Malta meta huma gew lura hawn Malta u b'parti minnhom inxtrat id-dar taghhom u cioe` St. Rita, Nru. 3, Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, limiti ta' Hal-Ghaxaq. Mistoqsija dwar l-Lm1,800 li kellu l-attur qabel ma zzeweg maghha, liema flus l-istess attur tela' mieghu l-Awstralja, l-istess konvenuta tinnega dan u tghid illi l-attur tellgha' biss l-ammont ta' Lm150. Dawn il-flus kienu qalghawhom mit-tieg taghhom.

Illi xehed fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2000 **Joseph Attard**, **rapprezentant tal-HSBC Bank Malta p.l.c.** Huwa xehed illi l-attur kellu erba' kontijiet differenti mal-Bank minnu rapprezentat.

Illi din il-Qorti rat ukoll is-sentenza fl-ismijiet **"Carmen Mizzi f'isimha u ghal binha kontra Anthony Mizzi"** ta' din il-Qorti deciza fit-12 ta' Marzu, 1985. Illi permezz ta' din is-sentenza din il-Qorti kkundannat lill-konvenut, attur odjern, ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm20 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha u ghal ibnu minuri Shaun u akkordat lill-konvenuta odjerna l-uzu esklusiv tad-dar "St. Rita House", Exchange Road, Bir-id-Deheb, Ghaxaq. In oltre l-attur odjern, allura konvenut, gie ordnat ihallas ir-retta alimentari hawn fuq imsemmija kull nhar ta' Gimgha lill-attrici, llum konvenuta, fl-imsemmija dar tar-residenza taghha, l-ewwel pagament ghandu jsir nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 1985.

## III. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attur f'din il-kawza qieghed jitlob li tigi terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn il-

konvenuta. Illi l-konvenuta taqbel li l-komunjoni ezistenti bejniethom tigi likwidata pero` qed titlob ukoll illi hija tiehu l-ammonti lilha dovuti sia bhala manteniment u sia ukoll li tiehu dawk l-ammonti lilha dovuti ghal mobbli li hemm u kien hemm bejniethom.

Is-**subartikolu (1) ta' l-artikolu 1316 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi (1) Iz-zwieg li jsir f'Malta igib *ipso jure* bejn il-mizzewgin, il-komunjoni ta' l-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'ohra b'att pubbliku. Illi jirrizulta, u fuq dan hemm qbil, illi l-kontendenti f'din il-kawza izzewgu f'Malta nhar l-20 ta' Ottubru, 1973 u allura hemm ezistenti bejniethom ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi l-kontendenti jaqblu li fil-komunjoni ta' l-akkwisti hemm immobbli u cioe` d-dar maghrufa bl-isem ta' "St. Rita", Nru. 3, Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, limiti ta' Hal-Ghaxaq. Li ma jaqblux pero` huwa dwar l-oggetti mobbli. L-attur jelenka l-lista ta' oggetti li ghad hemm fid-dar hawn appena msemmija, u minn naha l-ohra l-konvenuta esebiet mandat ta' deskrizzjoni tal-oggetti li kienu jinsabu fil-fond imsemmi liema mandat gie esegwit fl-20 ta' Frar, 1985.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha, l-konvenuta taqbel li ssir l-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, pero` hija titlob illi tiehu l-ammonti lilha spettanti sija b'arretrati ta' manteniment sija wkoll dawk tal-mobbli li hemm u kien hemm bejniethom.

Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid illi *"din hija kawza ta' divizjoni u kwalunkwe pretensjoni tal-konvenuta ghal mantenimenti jew arretrati ta' mantenimenti, hija kompletament irrelevanti ghall-meritu ta' din il-kawza".* Jibda biex jinghad, illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma din it-tezi ta' l-attur u dan *stante* li jekk hemm xi ammont dovut bhala manteniment, almenu sa dik il-gurnata li giet xolta l-komunjoni, dan l-ammont ikun dovut mill-komunjoni. Illi l-konvenuta tallega li l-ammont dovut f'dan ir-rigward huwa ta' Lm9,300. Jekk wiehed jahdem l-ammont dovut lill-konvenuta mill-attur bhala

manteniment mill-15 ta' Marzu, 1985 sad-data ta' Jannar 1991 meta gie registrat id-divorzju bejn il-partijiet, l-ammont dovut huwa dak ta' Lm6,240. Ma jidhirx li hemm xi sentenza li tirrevoka jew tvarja din is-sentenza ta' din il-Qorti w allura l-Qorti ser toqghod fuqha. Anzi il-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fil-25 ta' Novembru, 1985 ikkonfermat din is-sentenza. Jinghad li l-attur qatt ma kkontesta l-istess sentenza, u ma hemm l-ebda dubju li tali sentenza hija titolu esekuttiv skond il-ligi.

Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet harget diversi mandati ta' sekwestri fosthom dak li jgib in-numru 457/86, li permezz tieghu hija talbet li tigi depozitata s-somma ta' Lm1,163.32c4 inkwantu ghas-somma ta' Lm1,100 bhala manteniment dovut lilha w in kwantu ghal Lm63.32c4 bhala spejjez skond taxxa annessa ma l-istess mandat ta' sekwestru.

Illi fit-18 ta' Awissu, 1986 l-Mid-Med Bank Ltd ipprezenta cedola ta' depozitu numru 482/86 li permezz taghha iddepozita s-somma ta' Lm1163.32c4. Illi l-ammont ta' Lm1,100 kien dovut bhala manteniment ghall-perjodu mill-15 ta' Marzu, 1986 sal-4 ta' April, 1986. Illi fil-25 ta' Settembru, 1986 il-konvenuta odjerna pprezentat rikors sabiex tizbanka s-somma ta' Lm1,163.32c4 liema ammont gie effettivament zbankat fit-12 ta' Dicembru, 1986 wara li l-istess konvenuta odjerna giet hekk awtorizzata taghmel fit-8 ta' Dicembru, 1986.

Illi l-konvenuta odjerna kienet harget mandat ta' sekwestru numru 1036/83 fl-ismijiet Carmen Mizzi vs Tony Mizzi bin Salvu u Katerni nee' Ellul fejn kienet talbet lil Mid-Med Bank Ltd jzomm ghandu s-somma ta' Lm10,400.

Illi fis-6 ta' Ottubru, 1986 l-Mid-Med Bank Ltd ipprezenta cedola ta' depozitu numru 601/86 li permezz taghha ddepozita s-somma ta' Lm3,055.94c 5, u mhux l-Lm10,400 kif kien mitlub li jaghmel u dan peress li ma kienx hemm bizzejjed fondi biex jaghmlu tajjeb ghal dan l-ahhar ammont. Illi l-konvenuta odjerna kienet ipprezentat rikors fl-14 ta' April, 1987 fejn talbet illi tigi zbankata s-somma ta' Lm1,080 konsistenti f'arretrati dovuti ghall-

perjodu mill-4 ta' April, 1986 sal-10 ta' April, 1987. Illi dan ir-rikors gie rtirat fis-6 ta' Ottubru, 1987.

Illi fit-22 ta' Settembru, 1987 il-konvenuta ipprezentat rikors fejn talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tizbanka s-somma ta' Lm700 dovuti lilha bhala arretrati ta' manteniment mis-17 ta' Jannar, 1987 sat-18 ta' Settembru, 1987.

Rat illi l-konvenuta odjerna kienet zbankat is-somma ta' Lm861.20 fis-7 ta' Mejju, 1987 u li fit-8 ta' Ottubru, 1987 kienet zbankat is-somma ta' Lm700. B'hekk mis-somma depozitata ta' Lm3,055.94c5 giet irtirata s-somma ta' Lm1561.20. B'hekk fadal bilanc fl-ammont ta' Lm1,494.74c5.

Illi ghalhekk il-konvenuta odjerna ghad fadlilha tircievi s-somma ta' Lm3,578.80 (Lm6,240 – Lm 1,100 – Lm1,561.20) mill-komunjoni.

Illi l-konvenuta tissottometti wkoll illi hija ghandha mal-Lm500 dejn ma missierha u li dan id-dejn, hija ghamlitu kemm ilha li isseparat minn ma' l-attur. Il-konvenuta titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tikwantifikalha l-ammont ta' kera li ghandu jhallas l-attur talli kien qed juza' l-fond matrimonjali.

Illi **l-artikolu 1319 tal-Kodici Civili** jghid illi *"Il-jedd ta' kull parti mizzewga ghall-komunjoni ta' l-akkwisti jibda, bla hsara ta' xi disposizzjoni ohra tal-ligi, minn dak inhar taz-zwieg u jispicca malli jinhall iz-zwieg".*

Din il-Qorti, dwar dawn iz-zewg sottomissjonijiet tal-konvenuta tghid illi hija ma tistax tidhol f'dan il-mertu *stante* li dawn l-ispejjez jidher li saru wara li gie registrat id-divorzju taghhom hawn Malta u cioe` fil-21 ta' Jannar, 1991 w allura l-komunjoni ma kienitx ghadha tezisti. Oltre dan, din il-Qorti tfakkar illi hija ghandha tara li dak id-dejn li kien dovut mill-komunjoni lil xi parti jew ohra, tiehdu u tieqaf hemm.

Illi l-**artikolu 1331 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jitkellem dwar hlasijiet u radd lura ta' flus. Di fatti s-**subartikolu (2) ta' l-istess artikolu** jghid illi:

*"**(2)** Kull wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandha jedd li tithallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oggett li jkunu ttiehdu mill-beni parafernali taghha meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oggett ikun intuza' dwar dejn jew investiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti."*

Illi jidher illi hemm kontestazzjoni dwar l-ammonti ta' flus li kellhom il-partijiet qabel ma zzewgu, liema flejjes gew investiti wara li l-kontendenti zzewgu fil-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi l-attur jallega illi meta kienu emigraw l-Awstralja huma kienu hadu maghhom l-ammont ta' Lm1,800 li kienu t-tfaddil tieghu mix-xoghol li kellu hawn Malta. Il-konvenuta f'dan il-fatt tikkontradixxi lill-istess attur u tghid illi l-attur tellgha biss l-ammont ta' Lm150. Dawn il-flus kienu qalawhom mit-tieg taghhom. Tghid ukoll il-konvenuta illi *"qabel iz-zwieg jien kelli elf lira Maltin (Lm1,000) u l-bjankerija".* Missier il-konvenuta jghid illi *"qabel ma zzewget binti kellha madwar disa' mitt lira Maltin (Lm900). Niftakar li jiena stess kont gbidt dawn il-flus u bghatthom lil Carmen meta kienu jghixu fl-Awstralja".* Hija aktar vero simili x-xhieda ta' missier il-konvenuta dwar is-somma hawn indikata u hija din ic-cifra indikata li l-Qorti sejra timxi fuqha.

Illi din il-Qorti ma tantx tista' taghti affidament ghal dak li xehdet dwaru il-konvenuta u dan fis-sens tas-somma ta' Lm150 li huma kienu hadu maghhom meta l-kontendenti kienu emigraw l-Awstralja. Din il-Qorti tara li hija aktar verosimili l-fatt illi l-kontendenti kienu hadu maghhom s-somma ndikata mill-attur u cioe` dik ta' Lm1,800. Jista' jkun pero` ukoll illi f'din is-somma ndikata kien hemm ukoll xi flus li l-istess kontendenti kienu rcevew bhala rigali mit-tieg taghhom. Illi din il-Qorti, ser tirriduci l-ammont ta' elf u tmien mitt lira (Lm1,800) indikata mill-attur bis-somma ta' Lm150, liema somma giet indikata mill-konvenuta bhala dik li kienu rcevew fit-tieg taghhom minghand il-mistednin.

Illi ghar-rigward tal-bjankerija li kienet hadet il-konvenuta, din il-Qorti, *arbitrio boni viri*, ser tistma din il-bjankerija fl-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Illi fir-registru ta’ din il-Qorti, kif diga nghad aktar il-fuq hemm bilanc ta’ Lm1,494.74c5 u li dan l-ammont qieghed iddepozitat permezz tac-cedola numru 601/86 fl-ismijiet **“Carmen Mizzi vs Tony Mizzi**”.

Illi din il-Qorti issa sejra biex taqsam dak li ghad hemm ezistenti bejn il-kontendenti fi kwoti rispettivi, wara li hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza.

Bhala attiv fil-komunjoni ta’ l-akkwisti hemm is-segwenti:

(i) Lm1,494.74c5 li huma depozitati fir-registru ta’ din il-Qorti permezz ta’ cedola numru 601/86;

(ii) Id-dar maghrufa bl-isem ta’ St. Rita, Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, li skond il-Perit Albert Borg Costanzi ghandha tinbiegh bil-valur ta’ Lm22,000;

(iii) L-oggetti mobbli ezistenti fid-dar hawn appena msemmija;

Bhala passiv fil-komunjoni ta’ l-akkwisti hemm is-segwenti:

(i) Lm1650 bhala ammont ta’ flus dovuti lill-attur u li kien gab qabel ma zzewgu;

(ii) Lm300 bjankerija dovuti lill-konvenuta;

(iii) Lm900 bhala ammont ta’ flus dovuti lill-konvenuta u li kienet gabet qabel ma zzewgu;

(iv) Lm3,578.80 dovuti bhala arretrati ta’ manteniment lill-konvenuta mill-attur (sa Jannar, 1991 – meta gie registrat id-divorzju tal-kontendenti fir-registru Pubbliku hawn Malta).

Illi d-dar bl-isem ta' "St. Rita", Triq it-Terha, Bir-id-Deheb ghandha tinbiegh lill-ahjar offerent permezz tal-procedura tas-subbasta. Illi mir-rikavat ta' dan il-bejgh ghandhom jitnaqsu s-somma ta' Lm4,778.80c u jinghataw lill-konvenuta u s-somma ta' Lm1,650 u jinghataw lill-attur. Id-differenza ghandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti kif ghandha tinqasam ugwalment ukoll is-somma li hemm depozitata taht l-awtorita` ta' din il-Qorti fic-cedola numru 601/86. Dwar l-oggetti mobbiljari dawn ghandhom jigu stmati u jinqasmu b'mod ugwali bejn il-kontendenti, kif ser jigi ndikat aktar 'il quddiem.

## <u>IV KONKLUZJONI</u>

Illi ghaldaqstant din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, u **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens biss hawn premess b'dan illi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ga ezistenti bejn il-partijiet illum hija xolta u terminata u giet hekk terminata fil-21 ta' Jannar 1991, d-data ta' meta d-divorzju bejn il-kontendenti gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddikjara li din tikkonsisti fis-segwenti:

(a) Il-fond bl-isem "St Rita", Triq it-Terha, Bir id-Deheb.

(b) Il-flus depositati fic-Cedola ta' Depositi numru 601/86.

(c) L-oggetti mobiljari kif indikati fil-listi tal-konvenuta a fol 17 tal-process, b'dan li jitnaqqsu minnhom l-oggetti li skond l-attur ma ghadhomx jezistu fid-dar konjugali skond in-nota tieghu datata 22 ta' Marzu 1999.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-attur ghandu jiehu s-somma ta' Lm1,650 mentri l-konvenuta ghandha tiehu

s-somma ta’ Lm4,778.80c mill-komunjoni ta’ l-akkwisti; u dan apparti dak li ser jinghad aktar il-quddiem dwar id-divizzjoni tal-mobbli.

4. Tilqa’ r-raba’ talba b’dan li tordna:

(a) il-bejgh in subbasta tal-fond “St. Rita”, Triq it-Terha, Bir-id-Deheb, b’dan li mir-rikavat tal-istess bejgh l-ewwel ghandha tithallas lill-konvenuta s-somma ta’ Lm4,778.80c, oltre` s-somma ulterjuri ta’ Lm800 rapprezentanti valur tal-mobbli stabbilit *animo boni viri* li jidher li ma baqghux jezistu fid-dar konjugali u li jidher li dawn naqsu fil-mument meta l-attur kellu l-pussess effettiv tal-istess dar b’dan li allura l-konvenuta ghandha tiehu l-ewwel is-somma ta’ Lm5,578.80 mentri l-attur ghandu jiehu l-ammont ta’ Lm1,650 u l-bilanc mir-rikavat tal-bejgh tal-istess fond wara li jsiru tali pagamenti lill-partijiet rispettivi ghandu jinqasam bin-nofs bejn l-istess partijiet.

(b) Illi l-ammonti depositati fic-cedola Nru 601/86 ghandhom jigu zbankati konguntivament miz-zewg partijiet b’dan li kull parti tiehu nofs l-ammont hekk depositat u zbankat.

(c) Illi l-oggetti mobbli kif elenkati f’din id-decizjoni taht din il-parti disposittiva tas-sentenza ennumerata bhala 2 (c) ghandhom jigu stmati mill-Espert Tekniku Alfred Camenzuli li qed jigi nominat bhala Perit Tekniku ghal dan l-iskop, a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet, liema Perit Tekniku ghandu abbazi tal-istess stima jipproponi u jissottometti pjan ta’ qasma tal-istess mobbli bejn l-istess kontendenti, b’mod li kull parti tiehu nofs il-valur tal-istess mobbli, liema stima u divizjoni ghandhom jigu prezentati mill-istess Perit Tekniku permezz ta’ rapport *ad hoc* li ghandu jigi prezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti u fl-atti ta’ din il-kawza permezz ta’ nota mhux aktar tard mit-30 ta’ Settembru 2003, b’dan li din il-Qorti qed tordna li tali divizjoni tal-imsemmija mobbli ghandha ssir skond l-istima u divizjoni tal-istess, indikati fl-istess rapport Peritali tal-Espert Tekniku hawn nominat.

5. Illi dwar il-hames talba attrici din l-Qorti tirreferi ghal dak indikat fir-raba’ talba ta’ din ic-citazzjoni attrici u tikkonfermaha.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu b’mod ugwali bejn il-kontendenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------